MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Numru 1234/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**KONTRA**

**ETIENNE FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Etienne Farrugia ta’ 32 sena, bin Joseph u Doris nee’ Cutajar, mwieled Pieta’ nhar il- 5 ta’ Jannar 1977, residenti fil- fond 1, Triq Vassalli, Zebbug u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 84077(M);

Li gie mressaq sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet ;

Talli:

1) Nhar it- 22 ta' Awwissu 2009, ghal- habta tal-10.30pm, minn go residenza 181, Triq John Borg, Birkirkara, ikkommetta serq ta' flus kontanti u gojjelrija u xi oggetti ohra liema serq ma jeccedix l- elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu ta' Michael u Lorraine Zarb, liema serq huwa aggravat bil- vjolenza, bil- valur , bil-mezz, bil- lok u bil- hin;

2) U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir- residenza 181, Triq John Borg, Birkirkara, ghad- dannu ta' Michael u Lorraine Zarb, liema hsara ma tkunx tiskorri l- elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma izjed minn mija u sittax- il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

Il- Qorti hija mitluba li titratta lill- imputat bhala recediv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall- reati, b' sentenza ta' reati Maltin, liema sentenza saret definittiva.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda

Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, biex b’ hekk seta’ jinghata sentenza fil-konfront tieghu u l-kaz tieghu jigi res judicata. Il-Qorti giet infurmata li l-imputat m’hux biss ammetta mal-ewwel, anke fit-tehid tal-istqarrija tieghu, izda ghen lill-pulizija sabiex jinkixfu u jinqabdu l-komplici li kellu mieghu fit-twettiq ta’ dan ir-reat. Bl-ammissjoni tieghu, l-imputat jista’ ghalhekk jinghata sentenza finali fil-konfront tieghu, sabiex ikun jista’ jixhed bhala xhud tal-prosekuzzjoni kontra terzi fuq dan l-istess reat.

Kwantu ghall-piena, l-imputat ma jistax jinghata sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, in vista li hu recidiv, ghaldaqstant l-alternattivi li ghandha din il-Qorti huma li jew jinghata piena ta’ prigunerija effettiva, jew li jinghata sanzjoni fil-komunita’ skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 446. Il-Qorti qieset sew is-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet dwar il-piena applikabbli ghall-imputat, u kien hemm qbil li ghalkemm ir-reat hu wiehed gravi hafna u jmur kontra d-dritt ta’ tgawdija ta’ proprjeta’ privata, m’ghandux ikun hemm piena ta’ prigunerija effettiva. Ghalhekk li fadal hu li l-imputat jinghata sanzjoni fil-komunita’ bhala forma ta’ sorveljanza fuqu, bl-isperanza li hu ma jibqax jiffrekwenta persuni maghrufa mal-Pulizija u b’ hekk ma jidholx aktar fi proceduri kriminali ohra kontrih, li zgur imbaghad iwassluh ghal piena karcerarja effettiva. Tenut kont ukoll, apparti tas-sottomissjonijiet maghmula kif hawn fuq spjegat, li l-imputazzjoni tal-hsara volontarja ghandha titqies bhala mezz ghall-fini tar-reat tas-serq, jista’ jkun hemm assorbiment tal-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 267, 269, 270, 279, 325, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' tlett (3) snin.
Inoltre tikkundannah ukoll multa ta' elf ewro (1,000).

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------